

Paġna ewlenija>Reġistri - kummerċjali, dwar l-insolvenza u tal-artijiet>Reġistri tal-artijiet fil-pajjiżi tal-UE

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [el](#) għiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Swipe to change

il-Grieg

Reġistri tal-artijiet fil-pajjiżi tal-UE

Greċja

Il-Greċja għandha reġistru elettroniku tal-artijiet magħruf bħala l-Katast (κτηματολόγιο) f'żoni fejn ir-reġistrazzjoni tal-artijiet hija lesta. Ir-reġistri tal-ipoteki lokali (υποθηκοφυλακεία) qed joperaw ukoll b'mod provviżorju bħala reġistri tal-artijiet (κτηματολογικά γραφεία).

Ma hemm l-ebda traduzzjoni uffiċjali tal-verżjoni tal-lingwa li qed tara.

Hawnhekk tista' tara verżjoni tradotta awtomatikament ta' dan il-kontenut. Jekk jogħġbok innota li din hi pprovduta biss għal finijiet kumentwali. Is-sid ta' din il-paġna ma jaċċetta ebda responsabbiltà jew obbligazzjoni fir-rigward tal-kwalità ta' dan it-test tradott b'mod awtomatiku.

-----il-Malti-----il-Bulgarul-Ispanjoliċ-Ċekid-Daniżil-Ġermaniżil-Estonjanl-Inglišil-FranċiżKroatit-Taljanil-Latvjanil-Litwanl-Ungeriżl-Olandiżil-Pollakkil-Portugiżir-Rumenis-Slovakkis-Slovenil-Finlandiżl-Isvediż

Fiż-żoni tal-pajjiż fejn ir-reġistru Grieg tal-artijiet ilu jopera mill-2003, b'mod li jissostitwixxi s-sistema preeżistenti ta' reġistrazzjoni ta' trasferimenti ta' proprjetà u ipoteki, id-*data* tar-reġistru tal-artijiet trid tinżamm u tiġi aġġornata biss b'mod elettroniku skont il-Liġi 2664/1998 dwar ir-reġistru nazzjonali tal-artijiet. Il-bażi tad-*data* tar-reġistri tal-artijiet tinżamm ċentralment għall-Greċja kollha minn KTIMATOLOGIO AE. (ir-reġistru tal-artijiet nazzjonali jew il-Katast) u aġġornati lokalment mir-reġistri tal-artijiet lokali abbażi tat-tranżazzjonijiet tagħhom.

Il-Liġi 4512/2018 stabbilixxiet entità ġuridika rregolata mid-dritt pubbliku msejja l-Katast Elleniku, is-suċċessur universali ta' *KTIMATOLOGIO AE*.

X'toffri s-sistema Griega ta' ħażna tad-*data* u dokumenti relatati ma' proprjetà?

F'kull distrett tal-qradi ċivili joperaw wieħed jew aktar reġistri (*ειρηνοδικείο*) u joffru s-servizzi li ġejjin kif trid il-liġi:

ir-reġistrazzjoni, il-prenotazzjoni ta' ipoteka jew il-qbid ta' proprjetà immobbli fil-ġurisdizzjoni tagħhom;

it-trasferiment ta' atti li jridu jiġu ttrasferiti bil-liġi; u

r-reġistrazzjoni ta' kawżi legali u kwalunkwe att jew nota oħra relatata ma' proprjetà immobbli.

Hemm 15 ir-reġistru tal-ipoteki bi fhas u 258 mingħajr fhas. In-numru qed jinbidel hekk kif għaddej il-proċess tat-tneħħija gradwali u l-inklużjoni tar-reġistri tal-ipoteki aboliti fil-Katast Elleniku.

Ir-reġistri ipotekarji stipendiarji huma uffiċċji tal-Ministeru tal-Ġustizzja.

F'Rodi u Kos, ir-reġistri tal-artijiet lokali ta' Rodi u Kos-Leros huma uffiċċji tal-Ministeru tal-Ġustizzja, fejn is-sistema ta' reġistrazzjoni hija ċentralizzata.

Ir-reġistri tal-ipoteki gratis (*άμισθα υποθηκοφυλακεία*) huma jew:

reġistri speċjalizzati ġestiti minn reġistraturi maħtura mill-Ministru tal-Ġustizzja wara li jkunu għadew minn eżami kompetittiv; jew

reġistri mhux speċjalizzati ġestiti min-nutara maħtura għall-uffiċċju prinċipali tar-reġistru tal-ipoteki.

Tista' ssib id-dettalji ta' kuntatt tar-reġistri tal-ipoteki fuq is-sit web tal-**Ministeru tal-Ġustizzja**.

Il-Katast Elleniku huwa sistema unifikata li tirreġistra l-informazzjoni legali, teknika u informazzjoni addizzjonali oħra dwar il-proprjetà immobbli u d-drittijiet tal-proprjetà, garantiti mill-Istat u taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

B'mod partikolari, il-Katast Elleniku:

jirreġistra l-atti kollha li joħolqu, jittrasferixxu, ibiddu jew ineħħu drittijiet fuq il-proprjetà. Kull att jiġi rreġistrat biss wara eżaminazzjoni bir-reqqa, sabiex l-ebda

att ma jiġi rreġistrat jekk il-persuna li tkun qed tittrasferixxi l-proprjetà ma tkunx il-persuna mniżżla fir-reġistru tal-artijiet bħala sid il-proprjetà;

tirreġistra d-deskrizzjoni ġeografika (l-għamla, il-post u d-daqs) tal-proprjetà;

tirreġistra b'mod sistematiku l-proprjetà pubblika; u

tirreġistra d-drittijiet ta' użufrutt.

Bażi ta' *data* legali

Informazzjoni bażika dwar il-Katast Grieg tista' tinsab fuq is-sit web tiegħu.

L-aċċess għas-servizzi Griegi tad-*data* dwar il-proprjetà immobbli huwa mingħajr fhas?

F'żoni fejn ir-reġistri tal-artijiet qegħdin joperaw b'mod provviżorju, jistgħu jintużaw mingħajr fhas kompjuters fl-uffiċċju kkonċernati biex issir riċerka elektronika tad-*data*.

L-istorja tas-sistema Griega ta' ħażna tad-*data* u dokumenti relatati ma' proprjetà

Sistema ta' reġistrazzjoni tal-artijiet ġiet stipulata għall-ewwel darba permezz tal-Liġi 41/1836. L-awtoritajiet msemmija hawn qabel żammew rekords dwar l-artijiet minn mindu bdiert ir-reġistrazzjoni tal-artijiet.

F'żoni fejn qed titlesta r-reġistrazzjoni tal-artijiet, ir-reġistri tal-ipoteki lokali ilhom jaħdmu bħala reġistri tal-artijiet provviżorji minn meta l-Organizzazzjoni tal-Kartografija u l-Katast tal-Greċja (*Οργανισμός Κτηματολογίου και Χαρτογραφίσεων Ελλάδος – ΟΚΧΕ*) iddeċidew li joħolqu l-Katast. Minn dak iż-żmien, it-tranżazzjonijiet fir-rekords tar-reġistru tal-artijiet jiġu rreġistrati biss b'mezzi elettroniċi.

Kif tifttex id-*data*

Is-sistema elektronika tar-reġistrazzjoni tal-artijiet tippermetti riċerki permezz ta': (a) *data* personali, (b) il-kodiċi tal-Katast Elleniku, u/jew (c) l-indirizz tal-proprjetà.

Links relatati**Il-Katast Elleniku**

L-aħħar aġġornament: 26/04/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdañhal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.